

Brussell, 30 ta' Jannar 2026
(OR. en)

5516/26

CDR 7

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar membru supplenti, propost mir-Repubblika tal-Awstrija, fil-Kumitat tar-Reġjuni - Adozzjoni

1. Permezz ta' ittra tal-14 ta' Ottubru 2025¹, is-Segretarju Ġenerali tal-Kumitat tar-Reġjuni għarraf lill-Kunsill bi tmiem il-mandat nazzjonali li abbażi tiegħu s-Sur Peter FLORIAN SCHÜTZ, membru supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni, ġie propost għall-ħatra u maħtur.
2. Skont l-Artikolu 305 TFUE, il-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposti mill-Istati Membri rispettivi, jaħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni.

¹ 13979/25.

3. F'konformità ma' dik id-dispożizzjoni u għall-fini tas-sostituzzjoni tas-Sur Peter FLORIAN SCHÜTZ, il-Gvern Awstrijak ippropona² lis-Sur Denis ŠAKIĆ, rappreżentant ta' korp lokali li għandu mandat elettoral ta' awtorità lokali, *Abgeordneter des Gemeinderats der Stadt Wien* (Membru tal-Kunsill Muniċipali tal-Belt ta' Vjenna), bħala membru supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2030.
4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-test tad-Deċiżjoni, kif jinsab fid-dokument 5543/26, u jirrakkomanda li l-Kunsill jadotta dik id-Deċiżjoni bħala punt "A" fl-aqgħa li jmiss.

² 17139/25.